A.L. 231 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 38 sa 40 ta' l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti u l-artikolu 12(1) ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, fuq il-parir ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-iStandards u l-Ministru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Isem u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar Spezzjoni ta' Liftijiet.

(2) Dawn ir-regolamenti ser jidħlu fis-seħħ kif ġej:

(a) Ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti:

(i) Għal liftijiet ġodda, fl-1 ta' Jannar, 2008;

(ii) Għal liftijiet eżistenti, fl-1 ta' Jannar, 2009.

(b) Ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti:

(i) Għal liftijiet ġodda, fl-1 ta' Jannar, 2009;

(ii) Għal liftijiet eżistenti, fl-1 ta' Jannar, 2009.

(ċ) Ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti:

(i) Għal liftijiet ġodda, fl-1 ta' Jannar, 2008;

(ii) Għal liftijiet eżistenti, fl-1 ta' Jannar, 2009.

Skop u applikabilità.

2. (1) Bla preġudizzju għal disposizzjonijiet aktar ebsin u, jew speċifiċi li jkunu f'regolamenti maħruġin bis-saħħa ta' l-Att dwar Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u regolamenti oħra maħruġin bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodott, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal-liftijiet eżistenti u ġodda stallati kollha użati f'post tax-xogħol.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal liftjiet eżistenti u ġodda stallati f'*condominia* jew residenzi domestiċi, kif definit f'dawn ir-regolamenti.

Definizzjonijiet.

3. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

A.L. 136 ta' l-2003.

"Korp Awtorizzat għall-Valutazzjoni ta' Konformità (KAVK)" tfisser korp desinjat skond ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Metodu għal Korpi Awtorizzati għall-Valutazzjoni ta' Konformità biex jagħmel eżamijiet bir-reqqa u spezzjonijiet preventivi fuq stallazzjonijiet ta' liftijiet eżistenti u ġodda, kif speċifikat minn dawn ir-regolamenti;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*;

"karru" tfisser parti mill-lift li permezz tiegħu l-persuni u/jew il-merkanzija huma merfugħin sabiex ikunu mgħollija jew imniżżla;

"ċertifikat ta' reġistrazzjoni" ifisser ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ taħt ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti;

"Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 95/216/KE" tfisser ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 95/216/KE tat-8 ta' Ġunju 1995 dwar titjib ta' sigurtà ta' liftijiet eżistenti, kif rifless fi Skeda I ta' dawn ir-Regolamenti;

Cap. 398.

"*condominium*" għandha l-istess tifsira bħall fl-Att dwar il-*Condominia*;

A.L. 370 ta' l-2002.

"Dikjarazzjoni ta' konformità KE għal liftijiet" tfisser dikjarazzjoni li tikkonforma ma' Skeda 2 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet;

Cap. 424.

"prinċipal" tfisser prinċipal kif definit mill-Att dwar Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"lift eżistenti" tfisser lift li kien stallat u ddaħħal fis-servizz qabel l-1 ta' Lulju 2002;

"modifika importanti" tfisser alterazzjoni lill-lift li tista' tqiegħed fil-periklu s-sigurtà tiegħu u għandha tinkludi bħala minimu:

(i) Fil-każ ta' liftijiet elettriċi eżistenti u ġodda –

Bdil:

(a) tal-veloċità ffissata

(b) tat-tagħbija ffissata

(ċ) tal-massa tal-kabina

(d) tad-distanza massima ta' l-ivvjaġġar possibli tal-lift.

Bdil jew sostituzzjoni:

(a) tat-tip ta' apparati ta' llokkjar ta' tipi differenti (is-sostituzzjoni ta' apparat li jillokkja b'apparat ta' l-istess tip ma titqiesx bħala modifika importanti)

(b) tas-sistema ta' kontroll

(ċ) tal-binarji gwida jew tat-tip ta' binarji gwida

(d) tat-tip ta' bieb (jew iż-żieda ta' bieb jew aktar minn bieb wieħed fl-indana jew fil-kabina)

(e) tal-magna jew tat-tarjola tal-qabda

(f) tal-kontroll ta' veloċità eċċessiva

(g) tal-mezzi ta' protezzjoni tal-kabina tielgħa f'każ ta' veloċità eċċessiva

(h) *buffers*

(i) ta' l-apparat tas-sigurtà;

(ii) Fil-każ ta' liftijiet idrawliċi –

Bdil:

(a) tal-veloċità ffissata

(b) tat-tagħbija ffissata

(ċ) tal-massa tal-kabina

(d) tad-distanza li jagħmel

Bdil jew sostituzzjoni:

(a) tat-tip ta' apparati ta' llokkjar (is-sostituzzjoni ta' apparat li jillokkja b'apparat ta' l-istess tip ma titqiesx bħala modifika importanti)

(b) tas-sistema ta' kontroll

(ċ) tal-binarji gwida jew tat-tip ta' binarji gwida

(d) tat-tip ta' bieb (jew iż-żieda ta' bieb jew aktar minn bieb wieħed fl-indana jew fil-kabina)

(e) tal-magna

(f) tal-kontroll ta' veloċità eċċessiva

(g) *buffers*

(h) ta' l-apparat ta' sigurtà

(i) l-apparat li jikklampja

(j) tal-kelb tal-kontrol tal-veloċità eċċessiva

(k) tal-ġakk

(l) tal-valv li jtaffi l-pressjoni

(m) *rupture valve*

(n) ta' l-apparat li jirristrinġi/ta' l-apparat li jirristrinġi f'direzzjoni waħda;

"istallatur" ifisser persuna li tistalla lift kif definita mir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet;

A.L. 370 ta' l-2002.

"lift" tfisser mezz ta' l-irfigħ li jservi livelli speċifiċi, li għandu karru li jimxi tul gwidi li huma riġidi u inklinati b'angolu ta' aktar minn 15 il-grad fin-naħa orizzontali, intiżi għat-trasport ta':–

- persuni,

- persuni u merkanzija,

- merkanzija biss jekk il-karru huwa aċċessibbli, jiġifieri persuna tista' tidħol fih mingħajr diffikultà, u mgħammar b'kontrolli li jkunu jinsabu ġewwa l-karru jew li jistgħu jintlaħqu mill-persuna ġewwa l-karru.

Il-mezzi ta' l-irfigħ li jimxu tul korsa fissa anki meta ma jimxux tul gwidi li huma riġidi għandhom jitqiesu bħala liftijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

"Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet" tfisser Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 95/16/KE[1] fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' liftijiet; A.L. 370 ta' l-2002.

"modernizzazzjoni" tfisser alterazzjonijiet lil-lift biex itejbu l-grad ta' sigurtà;

"MSA" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, kif imwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*; Kap. 419.

"lift ġdid" tfisser lift stallat u mdaħħal fis-servizz sa mill-1 ta' Lulju 2002;

"okkupant" tfisser persuna residenti abitwalment f'post;

"OHSA" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kif imwaqqfa mill-Att dwar Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"persuna" minbarra persuni fiżiċi, tinkludi korp jew assoċjazzjoni ta' persuni oħra, kemm jekk tali korp hu korporattiv kemm jekk mhux korporattiv;

"spezzjoni preventiva" tinkludi, bħala minimu, l-ispezzjonijiet kollha mniżżlin fi Skeda III ta' dawn ir-regolamenti u hi intenzjonata biex:

– jiġi ċċekkjat il-funzjonament kif għandu jkun tal-karatteristiċi ta' sigurtà tal-lift, u

– issib xi difetti li jiżviluppaw waqt l-użu jew l-użu ħażin tal-lift;

"manutenzjoni preventiva" tfisser l-operazzjonijiet regolari kollha meħtieġa biex il-lift jibqa' jaħdem tajjeb, tkun żgurata s-sigurtà, u wkoll biex ikunu antiċipati u evitati ħsarat prevedibbli fil-lift u l-komponenti tiegħu;

"tidħil fis-servizz" tfisser meta l-lift jingħadda l-ewwel darba lill-utenti;

"persuna responsabbli", f'relazzjoni ma':

(a) residenzi u bini li ma jaqgħux fl-ambitu ta' leġislazzjoni speċifika jinkludi:

(i) l-okkupant tal-bini, jew, meta n-numru ta' okkupanti hu aktar minn wieħed, dak l-okkupant li għandu l-awtorità li jieħu azzjoni meħtieġa f'relazzjoni ma' xi lift;

(ii) fil-kas fejn l-ebda okkupant jew okkupanti huwa jew huma preżenti, meta l-okkupant jew l-okkupanti huwa jew huma neqsin:

(a) is-sid tal-bini, u fil-kas fejn hemm iktar minn sid wieħed, ir-responsabbilta għandha tinqasam bejn is-sidien kollha; jew

(b) kull persuna li għall-mument għandha l-awtorità li tieħu azzjoni meħtieġa f'relazzjoni mal-lift.

(b) f'*condominium*:

(i) l-amministratur maħtur jekk in-numru ta' *condominia* hu aktar minn tlieta; jew

(ii) il-persuna li għall-mument għandha l-awtorità li tieħu azzjoni meħtieġa f'relazzjoni mal-lift jekk in-numru ta' *condominia* hu tlieta jew inqas; jew

(iii) fil-każ meta m'hemmx amministratur maħtur jew persuna b'awtorita kif imsemmi qabel:

(a) is-sid tal-bini, u fil-kas fejn hemm iktar minn sid wieħed, ir-responsabbilta għandha tinqasam bejn is-sidien kollha; jew

(b) kull persuna li għall-mument għandha l-awtorità li tieħu azzjoni meħtieġa f'relazzjoni ma' l-istallazzjoni tal-lift.

(ċ) f'post tax-xogħol:

(i) il-persuna responsabbli għandha tkun il-prinċipal jew prinċipali li jkunu qed joperaw fil-post tax-xogħol jew mill-post tax-xogħol, skond il-każ, u fil-każ li hemm iktar minn prinċipal wieħed, ir-responsabbilta għandha tinqasam bejn il-prinċipali kollha;

"analiżi tar-riskju" tfisser l-eżami ta' l-aspetti ta' sigurtà msemmija fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti biex ikun determinat jekk kinux implimentati miżuri preventivi suffiċjenti fir-rigward tar-riskju involut;

"persuna teknikament kwalifikata" tfisser persuna b'taħriġ adegwat fit-teorija u fil-prattika flimkien ma' esperjenza adekwata biex tisgura li xogħol ta' modernizzazzjoni isir kif deskritt fir-regolamenti rilevanti;

"eżami estensiv ta' lift" ifisser eżami sistematiku u dettaljat ta' lift minn Korp Awtorizzat għall-Valutazzjoni ta' Konformità (KAVK) skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, bl-iskop li tittejjeb is-sigurtà tal-lift safejn hu raġonevolment prattikabbli waqt li jingħata kas tal-prinċipji fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni mniżżla fi Skeda I ta' dawn ir-regolamenti u tal-prattiċi ta' sigurtà kurrenti; Kap. 424.

"post tax-xogħol" ifisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors ta' l-impieg tiegħu u, mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, tinkludi vettura jew bastiment meta dak il-bastiment ikun ġewwa xi port f'Malta jew fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta, jew f'xi tarzna, port jew stallazzjoni simili

f'Malta, minbarra bastiment tal-gwerra li jappartjeni lil xi stat barrani.

Rekwiżiti ġenerali.

4. (1) Kull persuna responsabbli għandha tiżgura li l-lift ikun immarkat b'mod li jinqara u ma jitħassarx b'dawn id-dettalji partikolari:

(a) isem u indirizz ta' l-istallatur,

(b) il-marka CE (fil-każ ta' liftijiet ġodda),

(c) id-desinjazzjoni tas-serje jew tat-tip,

(d) numru tas-serje (jekk ikun hemm),

(e) is-sena meta nbena, u

(f) il-partikolaritajiet tal-persuna responsabbli fil-każ ta' problema.

(2) Kull persuna responsabbli minn lift għandha tiżgura li kull kabina jkollha fuqha pjanċa li tinqara faċilment u b'mod ċar u li tidher bl-iskrizzjonijiet li ġejjin, flimkien ma' dak mitlub mir-regolament 4(1) ta' dawn ir-regolamenti:

(a) it-tagħbija ffissata f'kilogrammi,

(b) l-ogħla numru ta' passiġġieri li jistgħu jinġarru,

(c) id-data ta' l-aħħar spezzjoni preventiva,

(d) id-data ta' l-ispezzjoni preventiva li jmiss, u

(e) kull struzzjoni rilevanti oħra.

(a) Liftijiet ġodda, meta mqegħdin fis-suq, għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumentazzjoni msemmija fit-Taqsima 6 ta' Skeda I tar-Regolamenti dwar Liftijiet.

(b) Lista tal-komponenti kollha ta' sigurtà inkorporati fil-lift għandha tingħata mill-istallatur.

(3) Id-dokumentazzjoni msemmija fir-regolament 4(2)(a) ta' dawn ir-regolamenti hawn fuq għandha tingħadda lill-KAVK.

(4) Il-KAVK għandu jirreġistra ma' l-Awtorità u juża l-formola desinjata li tista' tittieħed mingħand l-Awtorità.

(a) KAVK m'għandux jispezzjona l-lift tiegħu stess.

Applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

5. (1) Liftijiet ġodda u eżistenti għandhom ikunu reġistrati ma' l-Awtorità.

(a) Fil-każ ta' lift ġdid, reġistrazzjoni għandha ssir mill-istallatur, filwaqt li lift eżistenti għandu jkun reġistrat mill-persuna responsabbli.

(b) Fil-każ ta' liftijiet ġodda, il-persuna li tagħmel ir-reġistrazzjoni għandha tipprovdi wkoll kopja tad-dikjarazzjoni tal-manifattur flimkien mal-formola ta' reġistrazzjoni.

(2) Il-formola ta' reġistrazzjoni għal liftijiet eżistenti jew ġodda għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(a) data ta' applikazzjoni;

(b) indikazzjoni jekk hix l-ewwel applikazzjoni, applikazzjoni għal lift addizzjonali (jekk hi, in-numru totali ta' liftijiet reġistrati sa dik id-data għandu jkun speċifikat);

(ċ) indikazzjoni ta' jekk il-lift ikunx se jintuża f'post tax-xogħol, *condominium* jew residenza domestika;

(d) isem sħiħ ta' l-istallatur/tal-persuna responsabbli;

(e) isem u indirizz tal-bini;

(f) in-natura jew l-użu ewlieni tal-bini;

(g) id-dettalji fejn l-istallatur jew il-persuna responsabbli jistgħu jkunu kkuntattjati;

(h) data dwar il-lift kurrenti; jiġifieri, lift domestiku jew għal xi skop ieħor, tip ta' lift, klassifikazzjoni ta' l-użu, dettalji tal-manifattur u l-istallatur, numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija, data ta' l-istallazzjoni, kapaċità, veloċità, numru ta' waqfiet, data ta' l-aħħar eżami taħt ir-Regolamenti ta' l-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet), jekk applikabbli, u aċċess għal persuni b'diżabilità;

(i) dettalji tal-Korp Notifikat responsabbli għall-valutazzjoni ta' konformità, jekk applikabbli; u

(j) firma ta' l-istallatur/tal-persuna responsabbli.

(3) L-informazzjoni msemmija fir-regolament 5(2) ta' dawn ir-regolamenti għandha tintbagħat lill-Awtorità fuq il-formola desinjata li tiġi pprovduta mill-Awtorità.

(4) ċertifikat ta' reġistrazzjoni għandu jinħareġ mill-Awtorità meta r-reġistrazzjoni tal-lift tkun aċċettata.

(a) Iċ-ċertifikat imsemmi fir-regolament 5(4) hawn fuq ikollu numru ta' reġistrazzjoni uniku desinjat mill-Awtorità.

Eżaminazzjoni estensiva ta' liftijiet eżistenti u ġodda.

6. (1) Il-persuna responsabbli għandha tiżgura li lift eżistenti jew ġdid isirlu eżami estensiv minn KAVK.

(a) Il-KAVK għandu jingħażel mill-persuna responsabbli minn lista ta' korpi awtorizzati pprovduta mill-Awtorità meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-lift.

(2) Eżamijiet estensivi ta' liftijiet eżistenti għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-iskeda ta' żmien speċifikata fi Skeda I, parti A ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Eżami estensiv kemm għal liftijiet ġodda kif ukoll eżistenti għandu jinkludi analiżi tar-riskju li għandha tqis, bħala minimu, l-aspetti ta' sigurtà mniżżlin fi Skeda I, parti B ta' dawn ir-regolamenti.

(a) Din l-analiżi tar-riskju għandha tqis ukoll il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' użu li għandhom x'jaqsmu ma' l-utenti tal-lift, b'mod partikolari utenti b'mobilità mnaqqsa.

(b) Il-valur storiku tal-bini li l-lift ikun stallat fih għandu jitqies ukoll.

(4) Il-liftijiet ġodda kollha, meta jiddaħħlu fis-servizz skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet, għandhom, għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jitqiesu li sarilhom l-ewwel eżami estensiv.

(5) Il-persuna responsabbli għandha tiżgura li wara l-ewwel eżami estensiv tal-lift:

(a) isiru eżamijiet estensivi sussegwenti fi żmien sitt (6) xhur minn meta tiskadi d-data għall-eżami bir-reqqa li jmiss kif ikun ingħad fir-rapport ta' l-eżami estensiv ta' qabel;

(b) il-perjodu bejn eżamijiet estensivi sussegwenti m'għandux jaqbeż sitt (6) snin fil-każ ta' liftijiet eżistenti u ġodda stallati f'post tax-xogħol;

(ċ) il-perjodu bejn eżamijiet estensivi sussegwenti m'għandux jaqbeż għaxar (10) snin fil-każ tal-liftijiet eżistenti u ġodda mhux stallati f'post tax-xogħol;

(d) il-lift isirulu spezzjonijiet preventivi minn KAVK f'intervalli addattati bejn eżamijiet bir-reqqa sussegwenti kif stipulati fir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti;

(e) eżami bir-reqqa għandu jsir ukoll kull darba li jkun hemm xi inċident, issir modifika importanti jew ikun hemm xi ċirkustanza eċċezzjonali li jistgħu jqiegħdu fil-periklu s-sigurtà tal-lift.

(6) Il-persuna responsabbli għandha tgħaddi lill-KAVK dettalji tal-funzjoni u użu kurrenti tal-lift.

(7) Il-KAVK għandu jipprojbixxi l-użu tal-lift li jkun jeħtieġ tiswija jew manutenzjoni immedjata meta jkun hemm riskju eżistenti jew imminenti ta' korriment personali serju.

(a) Fil-kas ta' liftijiet li mhux stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tinforma lill-Awtorità bil-miktub fi żmien jumejn (2) tax-xogħol mid-data ta' l-ispezzjoni.

(b) Fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tinforma lill-OHSA bil-miktub fi żmien jumejn (2) tax-xogħol mid-data ta' l-ispezzjoni.

Modernizzazzjoni tal-lift.

7. (1) Il-lift eżistenti li jkun ġie eżaminat bir-reqqa minn KAVK għandu jingħata grad ogħla skond ir-rapport tal-KAVK.

(2) Il-KAVK għandu jiddetermina, fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju magħmula waqt l-eżami estensiv, ir-riskji serji li jitolbu attenzjoni immedjata u dawk li jeħtieġu xogħlijiet ta' modernizzazzjoni.

(3) Persuna teknikament kwalifikata magħżula mill-persuna responsabbli għandha tagħmel ix-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni u l-persuna responsabbli għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż kollha involuti f'tali modernizzazzjoni.

(4) Meta jitlestew ix-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni, il-persuna responsabbli għandha tinforma lill-KAVK li għandu jiċċekkja li l-alterazzjonijiet meħtieġa kollha jkunu saru u għandu joħroġ ċertifikat ta' regolarizzazzjoni.

(a) Fil-kas ta' liftijiet mhux stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tgħaddi kopja taċ-ċertifikat ta' regolarizzazzjoni lill-Awtorità fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata.

(b) Fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tgħaddi kopja taċ-ċertifikat ta' regolarizzazzjoni lill-OHSA fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata.

Spezzjoni preventiva ta' liftijiet eżistenti u ġodda.

8. (1) Il-persuna responsabbli għandha tissottometti kemm liftijiet eżistenti kif ukoll liftijiet ġodda għal spezzjoni preventiva.

(2) Għandha tkun funzjoni tal-KAVK li jagħmel spezzjonijiet preventivi fuq liftijiet eżistenti jew ġodda f'intervalli regolari speċifikati fir-regolamenti 8(4) u 8(5) ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-KAVK għandu jingħażel mill-persuna responsabbli minn lista ta' korpi awtorizzati biex jagħmlu valutazzjoni dwar konformità pprovduta mill-Awtorità.

(4) Fil-każ ta' liftijiet eżistenti u ġodda stallati f'post tax-xogħol, dawn l-ispezzjonijiet għandhom isiru darba f'kull perjodu ta' sitt (6) xhur wara l-ewwel data minn meta jiddaħħlu fis-servizz.

(5) Fil-każ ta' liftijiet eżistenti u ġodda mhux stallati f'post tax-xogħol, dawn l-ispezzjonijiet għandhom isiru darba f'kull perjodu ta' tnax (12)-il xahar wara l-ewwel data minn meta jiddaħħlu fis-servizz.

(6) Il-KAVK għandu jagħmel spezzjonijiet preventivi bbażati fuq lista' ta' ċċekkjar kompilata wara l-aħħar eżami estensiv u għandha titqies il-lista tal-kontrolli minimi li huma mniżżla fi Skeda III ta' dawn ir-regolamenti.

(7) Il-lista' ta' ċċekkjar għal spezzjoni preventiva għandha tinħemeż mar-rapport ta' l-eżami estensiv msemmi fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti.

(8) Meta spezzjoni preventiva tikxef riskju serju, jew nuqqas ta' implimentazzjoni ta' l-iskeda tax-xogħlijiet imsemmija fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti, il-KAVK għandu jagħti limitu ta' żmien li fih ix-xogħlijiet meħtieġa għandhom isiru.

(9) Meta x-xogħlijiet meħtieġa jitlestew, il-persuna responsabbli għandha:

(a) fil-kas ta' liftijiet mhux stallati f'post tax-xogħol, tinnotifika lill-Awtorità bil-miktub, li dawn it-tiswijiet tlestew.

(b) fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, tinnotifika lill-OHSA bil-miktub, li dawn it-tiswijiet tlestew.

(10) Il-KAVK għandu jipprojbixxi l-użu tal-lift li jkun jeħtieġ tiswija jew manutenzjoni immedjata meta jkun hemm riskju eżistenti jew imminenti ta' korriment personali serju.

(a) Fil-kas ta' liftijiet mhux stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tinforma lill-Awtorità bil-miktub fi żmien jumejn (2) tax-xogħol minn meta jibdew il-proċeduri.

(b) Fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tinforma lill-OSHA bil-miktub fi żmien jumejn (2) tax-xogħol minn meta jibdew il-proċeduri.

Rapporti u difetti.

9. (1) KAVK li jkun qed jagħmel eżami estensiv għal persuna responsabbli taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti għandu jagħmel rapport ta' l-eżami estensiv bil-miktub li jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fi Skeda II ta' dawn ir-regolamenti, lill-persuna responsabbli.

(2) Il-persuna responsabbli għandha tibgħat kopja ta' dan ir-rapport lill-Awtorità mhux aktar tard minn tmienja u għoxrin (28) ġurnata mid-data li fiha l-eżami bir-reqqa jkun imissu jsir.

(3) Bis-saħħa tar-regolamenti 6(7) ta' dawn ir-regolamenti, il-KAVK għandu jfassal rapport u jibgħat dan ir-rapport lill-persuna responsabbli.

(a) Fil-kas ta' liftijiet mhux stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tara li kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-Awtorità fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni msemmija fl-imsemmija regolamenti kienet ittieħdet.

(b) Fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tara li kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-OHSA fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni msemmija fl-imsemmija regolamenti kienet ittieħdet.

(4) Kull ċertifikat ta' test u, jew rapporti oħra għandhom jinhemżu mar-rapport, ta' l-eżami estensiv.

(5) KAVK li jkun qed jagħmel spezzjoni preventiva għal persuna responsabbli taħt ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti għandu jagħmel rapport ta' l-ispezzjoni preventiva bil-miktub li jkun

fihom l-informazzjoni speċifikata fi Skeda IV ta' dawn ir-regolamenti, lill-persuna responsabbli.

(6) Il-persuna responsabbli għandha tibgħat kopja ta' dan ir-rapport lill-Awtorità mhux aktar tard minn tmienja u għoxrin (28) ġurnata mid-data li fiha l-ispezzjoni preventiva jkun imissha ssir.

(7) Bis-saħħa tar-regolamenti 8(10) ta' dawn ir-regolamenti, il-KAVK għandu jfassal rapport u jibgħat dan ir-rapport lill-persuna responsabbli.

(a) Fil-kas ta' liftijiet mhux stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tara li kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-Awtorità fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni msemmija fl-imsemmija regolamenti kienet ittieħdet.

(b) Fil-kas ta' liftijiet stallati f'post tax-xogħol, il-persuna responsabbli għandha tara li kopja ta' dan ir-rapport tintbagħat lill-OHSA fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni msemmija fl-imsemmija regolamenti kienet ittieħdet.

(8) Kull ċertifikat ta' test u, jew rapporti oħra għandhom jinhemżu mar-rapport ta' l-ispezzjoni preventiva.

Dokumentazzjoni li għandha tinżamm.

10. (1) Il-persuna responsabbli għandha tiżgura li d-dokumentazzjoni li ġejja tkun qiegħda fil-fajl tas-sigurtà:

(a) id-dikjarazzjoni ta' konformità KE, meta applikabbli;

(b) manwal ta' struzzjonijiet għall-komponenti ta' sigurtà tal-lift, biex il-manutenzjoni neċessarja tista' ssir b'mod effettiv u bla periklu u għall-użu mill-KAVK waqt l-eżamijiet bir-reqqa u spezzjonijiet preventivi tal-lift;

(ċ) dokumentazzjoni tinkludi manwal ta' struzzjonijiet li fih il-pjanti u dijagrammi meħtieġa għall-użu normali u li għandhom x'jaqsmu mal-manutenzjoni, spezzjoni, tiswija u ċċekkjar perjodiku;

(d) iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-lift;

(e) ir-rapport ta' l-eżami estensiv; u

(f) ir-rapport ta' l-ispezzjoni preventiva.

(2) Il-persuna responsabbli għandha żżomm il-fajl tas-sigurtà għad-dispożizzjoni tal-KAVK, fuq rikwesta raġonevoli mill-KAVK.

(3) Il-persuna responsabbli għandha tiżgura li r-rapporti magħmulin mill-KAVK wara eżami estensiv u spezzjoni preventiva jinżammu aġġornati fil-fajl tas-sigurtà sakemm isir rapport ieħor.

(4) Kull titjib jew tiswija li tirriżulta minn eżami estensiv u spezzjoni preventiva, inklużi d-dati meta saru dawn it-tiswijiet jew manutenzjoni, u d-dettalji tal-persuna li għamlet it-tiswijiet jew manutenzjoni, għandha ssir nota dwarhom fil-fajl tas-sigurtà tal-lift partikolari.

Temenda A.L. 47 ta' l-1964, L.S. 424.05.

11. (1) Id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet), għandhom jibqgħu japplikaw kif ġej:

(a) Għal liftijiet ġodda stallati f'post tax-xogħol, ir-regolament 3(2) tar-Regolamenti ta' l-1964 dwar Fabbriki (Parankijiet u Liftijiet), sa l-1 ta' Jannar, 2008.

(b) Għal liftijiet eżistenti stallati f'post tax-xogħol, sal-31 ta' Diċembru, 2008, iżda għandhom jibqgħu japplikaw għall-makkinarju l-ieħor kollu li għalih dan l-avviż legali japplika.

Notifika.

12. (1) Dawn ir-regolamenti ġew notifikati għat-termini tad-Direttiva 98/34/KE, kif emendata b'Direttiva 98/48/KE, kif trasposta mir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Proċedura ta' Notifikazzjoni. A.L. 373 ta' l-2003.

Skeda I

SKEDA GĦAL EŻAMI BIR-REQQA TA' LIFTIJIET EŻISTENTI U PERIKLI MINIMI LI GĦANDHOM JITQIESU WAQT L-ANALIŻI TAR-RISKJU

Parti A – Skeda ta' żmien biex isir Eżami Estensiv ta' liftijiet eżistenti

Eżami estensiv ta' lifitjiet eżistenti, li ddaħħlu fis-servizz kif muri fl-ewwel kolonna tat-tabella li ġejja, għandu jsir mhux aktar tard mid-data murija fit-tieni kolonna.

Dħul fis-servizz	*Eżekuzzjoni ta' eżami estensiv*
Sal-31 ta' Diċembru 1969	Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009
Mill-1 ta' Jannar 1970 sal-31 ta' Diċembru 1979	Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010
Mill-1 ta' Jannar 1980 sal-31 ta' Diċembru 1999	Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012
Mill-1 ta' Jannar 2000 sa l-1 ta' Lulju 2002	Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013

Parti B – Analażi tar-riskju

L-analiżi tar-riskju għandha ssir skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti bħala parti mill-eżami estensiv tal-lift. Il-miżuri ta' sigurtà mniżżlin f'din it-taqsima għandhom ikunu implimentati meta jkun hemm ir-riskji in kwestjoni.

Skop ta' eżami bir-reqqa u testijiet ta' sigurtà rilevanti

L-eżami estensiv għandu jqis ir-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sigurtà għad-disinn, manifattura u stallazzjoni tal-liftijiet u l-komponenti rilevanti tas-sigurtà tal-lift kif mogħtija fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Liftijiet għall-iskop li ġej tat-testijiet:

1. Rekwiżiti ġenerali għal materjali użati
2. Rekwiżiti ta' aċċessibilità
3. Rekwiżiti kontra l-vandaliżmu
4. Operat tal-liftijiet f'każ ta' ħruq
5. Tromba
6. Kmamar tal-magna u tarjoli
7. Bibien ta' l-indana u bibien tal-kabini[1]
8. Kabina
9. Kontrapiż u piż li jibbilanċja
10. Sospensjoni, kumpensazzjoni u protezzjoni kontra veloċità eċċessiva

[1] L-applikazzjoni ta' MSA EN 81-58:2003 jiżgura li l-bini jkun mħares kontra il-firxa tan-nar.

11. Protezzjoni kontra moviment mhux ikkontrollat tal-kabina
12. Gwidi, *buffers* u *limit switches* li juru l-estremitajiet tad-distanza massima ta' l-ivvjaġar tal-lift
13. Distanza bejn il-bieb tal-kabina u l-bieb ta' l-indana
14. Magna tal-lift
15. Stallazzjonijiet u apparati elettriċi
16. Protezzjoni kontra ħsarat, kontrolli, prijoritajiet elettriċi
17. Avviżi, marki u struzzjonijiet kif jitħaddem il-lift

Skeda V ta' dawn ir-regolamenti fiha lista ta' Standards Ewropej għas-sigurtà ta' liftijiet eżistenti li bl-implimentazzjoni tagħhom, li trid tkun ippruvata mill-KAVK waqt l-ispezzjonijiet ta' sigurtà rilevanti u indikata fir-rapport tat-test bl-assunzjoni tas-sekwenza użata, għandu jkun assunt li t-testijiet ta' sigurtà rilevanti saru kollha u li l-miżuri ta' rimedju elenkati għar-riduzzjoni tar-riskji evalwati huma biżżejjed.

Skeda II

FORMOLA PRESKRITTA GĦAR-RAPPORT TA' L-EŻAMI ESTENSIV TAL-LIFT EŻISTENTI U ĠDID

TAQSIMA A

1. Dettalji tal-persuna responsabbli

Isem u indirizz tal-persuna responsabbli:

---

2. Dettalji tal-lift

☐ Lift eżistenti ☐ Lift ġdid Data tal-manifattura: _____

☐ Lift f'post tax-xogħol ☐ Lift residenzjali

Numru ta' reġistrazzjoni:

_____

Indirizz tal-bini fejn hu stallat il-lift:

_____

3. Eżami estensiv

(a) Data ta' l-aħħar eżami estensiv: _____

(b) Jekk l-eżami estensiv hux:

☐ f'perjodu ta' 6 xhur minn meta tiskadi d-data li fiha għandu jsir l-eżami estensiv li jmiss

☐ f'perjodu ta' 6 snin bejn eżamijiet (fil-każ ta' liftijiet eżistenti u ġodda f'post tax-xogħol)

☐ f'perjodu ta' 10 snin bejn eżamijiet estensivi (ta' liftijiet eżistenti u ġodda residenzjali)

(c) L-eżami estensiv sar minħabba inċident, modifika importanti jew ċirkustanzi eċċezzjonali? Jekk iva, agħti dettalji:

_____

(d) Lista ta' komponenti ta' sigurtà u apparati protettivi:

_____

(e) Il-komponenti ta' sigurtà u apparati protettivi kollha huma f'kondizzjoni tajba u li jaħdmu tajjeb? Agħti dettalji:

_____

(f) Perikli eżistenti li jeħtieġ li jkunu indirizzati u livelli ta' prijorità:

_____

(g) Rakkommandazzjonijiet dwar kif il-perikli għandhom ikunu indirizzati:

_____

(h) Qafas ta' żmien jew skeda (inklużi dati) għal miżuri korrettivi, modernizzazjoni jew alterazzjonijiet:

_____

(i) Hemm xi kondizzjonijiet speċjali għall-użu tal-lift sakemm isiru x-xogħlijiet neċessarji?

_____

Data ta' l-eżami estensiv li jmiss: _____

Hemż Lista ta' Ċċekkjar ta' l-Ispezzjoni Preventiva

<u>TAQSIMA B</u> – Trid timtela biss f'każ ta' riskju imminenti ta' korriment personali serju (skond ir-regolament 6(7))

KOPJA TA' TAQSIMA B LI TRID TINTBAGĦAT LID-DIRETTORAT U LILL-OHSA FI ŻMIEN 48 SIEGĦA

1. Deskrizzjoni ta' riskju eżistenti jew imminenti li jista' jirriżulta f'korriment personali serju:

_____

2. Tiswijiet u modifiki neċessarji:

_____

3. Limitu ta' żmien biex jitlestew ix-xogħlijiet ħalli l-lift ikun jista' jerġa' jintuża:

_____

<u>TAQSIMA Ċ</u> - Dikjarazzjoni

Jien niċċertifika/aħna niċċertifikaw li nhar …… jien għamilt/aħna għamilna eżami estensiv ta' dan il-lift u li dan li jidher hawn qabel hu rapport korrett tar-riżultat.

Numru ID ta' l-ACAB ..…….

Indirizz ……...

Firma/Firem ……

Data ……

Skeda III

KONTROLLI MINIMI WAQT SPEZZJONI PREVENTIVA

Eżami ta' marki u dokumentazzjoni mandatarji:

- isem u indirizz ta' l-installatur
- il-marka CE (jekk applikabbli)
- numru ta' reġistrazzjoni ta' l-installatur/tal-persuna responsabbli
- numru tas-serje tal-lift u sena tal-manifattura
- tagħbija ffissata u l-ogħla numru ta' passiġġieri
- partikolaritajiet ta' l-installatur/tal-persuna responsabbli li jsir kuntatt magħha f'każ ta' problema
- partikolaritajiet tal-persuna jew kumpanija ta' manutenzjoni
- kull struzzjoni u dokumentazzjoni rilevanti

Preżenza u funzjonament ta' apparati protettivi u komponenti ta' sigurtà:

- *limit switches*
- apparati biex jillokkjaw bibien ta' l-indani
- apparat biex jiżgura li l-lift ma jaħdimx jekk il-bibien ta' l-indani jkunu miftuħin
- apparat biex ma jħallix li jsir moviment 'il fuq mhux ikkontrollat tal-kabina tal-lift
- apparati li jillimitaw veloċità eċċessiva
- dwal f'każ ta' emerġenza u dwal tal-kabina, it-tromba tal-lift u l-kamra tal-magna
- *buffers*
- swiċis tas-sigurtà (e.g. swiċċ ta' emerġenza fil-fossa u fil-kamra tal-magna jew fil-kamra tat-tarjola)

Kondizzjoni ġenerali u funzjonament tal-:

- kabina, tromba tal-lift u kamra tal-magna
- bibien tal-kabina u bibien ta' l-indani
- ħbula u qabda tal-ħbula
- gwidi
- sistema ta' brejkijiet
- komponenti ta' l-istallazzjoni elettrika
- magna tal-lift
- ventilazzjoni (fil-kabina, tromba tal-lift u kamra tal-magna)
- apparati ta' kontroll

Spezzjoni teknika tal-kabina u t-tromba tal-lift:

- natura u tip ta' ħitan tat-tromba
- kabina u ħitan tal-kabina bl-iċċekkjar tal-qisien
- braga u sospensjoni tal-kabina u l-kontrapiż
- kabina u gwidi tal-kontrapiż
- kejbils, *racks and pinions*, ktajjen

- kejbils ta’ l-elettriku mdendlin taħt il-kabina
- kontroll tal-bibien ta’ l-indani, bibien tal-kabina
- apparat li jillokkja l-bibien u swiċċ tal-bibien
- bokkaport f’każ ta’ emerġenza
- mekkaniżmu ta’ kontroll għall-ispezzjoni fuq is-saqaf tal-kabina
- sistema ta’ komunikazzjoni f’każ ta’ emerġenza
- tarjoli
- saqaf tal-kabina
- fossa tat-tromba
- ftuħ bejn il-kabina u l-kontrapiż u t-tromba tal-lift
- kontrapiż

Skeda IV

FORMOLA PRESKRITTA GĦAR-RAPPORT TA' L-ISPEZZJONI PREVENTIVA TA' LIFT EŻISTENTI U ĠDID

TAQSIMA A

1. Dettalji tal-persuna responsabbli

Isem u indirizz tal-persuna responsabbli:

---

2. Dettalji tal-lift

☐ Lift eżistenti ☐ Lift ġdid Data tal-manifattura: _____

☐ Lift f'post tax-xogħol ☐ Lift residenzjali

(a) Numru ta' reġistrazzjoni:

_____

(b) Indirizz tal-bini fejn hu stallat il-lift:

_____

(c) Sakemm jista' jgħabbi biex ikun sikur (SWL):

_____

(d) Veloċità stabbilita:

_____

(e) Numru ta' livelli fejn jieqaf il-lift:

_____

3. Spezzjoni preventiva

(a) Data ta' l-aħħar spezzjoni preventiva: _____

(b) Identifikazzjoni u deskrizzjoni ta' testijiet li jkunu saru:

_____

Oġġett	**Deskrizzjoni tal-kondizzjoni preżenti ta' l-oġġett**	**Deskrizzjoni ta' xi tiswijiet jew manutenzjoni li jridu jsiru lill-oġġett**
1. ***Preżenza u funzjonament ta' apparati protettivi u komponenti ta' sigurtà:***		
(a) *Limit switches*		
(b) Apparati li jillokkjaw bibien ta' l-indani		
(c) Apparat biex jiżgura li l-lift ma jaħdimx jekk il-bibien ta' l-indani jkunu miftuħin		
(d) Apparat li ma jħallix li jsir movement 'il fuq mhux ikkontrollat tal-kabina tal-lift		
(e) Apparati li jillimitaw veloċità eċċessiva		
(f) Dwal f'każ ta' emerġenza		
(g) *Buffers*		
(h) *Switches* tas-sigurtà		
2. ***Kondizzjoni ġenerali u funzjonament tal-:***		
(a) Kabina, tromba tal-lift u kamra tal-magna		
(b) Bibien tal-kabina u bibien ta' l-indani		
(c) Ħbula u qabda tal-ħbula		

(d) Gwidi		
(e) Sistema ta' brejkijiet		
(f) Komponenti ta' l-istallazzjoni elettrika		
(g) Magna tal-lift		
(h) Ventilazzjoni (fil-kabina, tromba tal-lift u kamra tal-magna)		
(i) Apparati ta' kontroll		
3. ***Spezzjoni teknika tal-kabina u tat-tromba tal-lift:***		
(a) Natura u tip ta' ħitan tat-tromba		
(b) Kabina u ħitan tal-kabina bl-iċċekkjar tal-qisien		
(c) Braga u sospensjoni tal-kabina u l-kontrapiż		
(d) Kabina u gwidi tal-kontrapiż		
(e) *Cables*, *racks and pinions*, ktajjen		
(f) *Cables* ta' l-elettriku mdendlin taħt il-kabina		
(g) Kontroll tal-bibien ta' l-indani, bibien tal-kabina		
(h) Apparat li		

jillokkja l-bibien u *switch* tal-bibien		
(i) Bokkaport f'każ ta' emerġenza		
(j) Mekkaniżmu ta' kontroll għall-ispezzjoni fuq is-saqaf tal-kabina		
(k) Sistema ta' komunikazzjoni f'każ ta' emerġenza		
(l) Tarjoli		
(m) Saqaf tal-kabina		
(n) Fossa tat-tromba		
(o) Ftuħ bejn il-kabina u l-kontrapiż u t-tromba tal-lift		
(p) Kontrapiż		
4. *Oġġetti oħra*		

L-itqal piż li jiflaħ jgħabbi suġġett għal tiswijiet (jekk ikun hemm):

_____

Osservazzjonijiet oħra:

_____

Data ta' l-ispezzjoni preventiva li jmiss:

_____

<u>TAQSIMA B</u> - Trid timtela biss f'każ ta' riskju imminenti ta' korriment personali serju (skond ir-regolament 8(10))

KOPJA TA' TAQSIMA B LI TRID TINTBAGĦAT LID-DIRETTORAT U LILL-OHSA FI ŻMIEN 48 SIEGĦA

Deskrizzjoni ta' riskju eżistenti jew imminenti li jista' jirriżulta f'korriment personali serju:

_____

Tiswijiet u modifiki neċessarji:

_____

Limitu ta' żmien biex jitlestew ix-xogħlijiet ħalli l-lift ikun jista' jerġa' jintuża:

_____

<u>TAQSIMA Ċ</u> - Dikjarazzjoni

Jien niċċertifika/aħna niċċertifikaw li nhar …… jien għamilt/aħna għamilna spezzjoni preventiva ta' dan il-lift u li dan t'hawn fuq hu rapport korrett tar-riżultat.

Numru ID tal-KAVK …….

Indirizz ……...

Firma/Firem ……

Data ……

Skeda V

LISTA TA' STANDARDS EWROPEJ GĦAS-SIGURTÀ TA' LIFTIJIET EŻISTENTI U ĠODDA

MSA EN 81-80:2003
Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u stallazzjoni ta' lifijiet - Liftijiet eżistenti - Parti 80: Regoli għat-titjib tas-sigurtà ta' liftijiet eżistenti għal passiġġieri u għal oġġetti u passiġġieri

MSA EN 13015:2001
Manutenzjoni għal liftijiet u skalaturi – Regoli għal struzzjoni dwar manutenzjoni

MSA EN 81-58:2003
Regoli ta' sigurtà għall-kostruzzjoni u stallazzjoni ta' liftijiet – Eżaminazzjoni u testijiet – Parti 58: Test tar-reżistenza għan-nar tal-bibien tas-sular.